# It-Tentattiv tar-Ridefinizzjoni tal-Jien f'*Fl-Isem Tal-Missier (u tal-Iben)* ta' Immanuel Mifsud

## Adattament ta' Bixra Dekostruzzjonista

*Stephen Bonanno*

**Abstract**

This paper seeks to analyse the strategies adopted by Immanuel Mifsud in *In the name of the father (and the son)* in order to explore, and possibly widen, what Alan Thiher identifies as 'the coordinates of self'. The challenge suggested in Hélène Cixous's statement that 'one can confess all one wants, the unconfessable remains unconfessed' is taken as a point of departure from which the text takes its cue. The dilemma which very likely crops up in an autobiographical work (ie. the fear that one might confess what is deemed unconfessable) is transformed into a strategy which permits several key elements in the text to lose the certainty in their definition. By applying Derrida's concept of *différance* Mifsud manages to deconstruct certain concepts by dislocating their meaning from a fixed position to continuous deferral. This radicalization is made possible thanks to the Hamletian encounter which Mifsud experiences with the spectral figure of his father. In realizing what, since then, had been unrealizable, the author manages to come to terms with what had been disturbing him since childhood. In the process, concepts such as *masculinity* and *paternity,* which the author finds utterly problematic to embrace in his attempt to redefine himself, have their definition radically altered. In the case of *masculinity,* the binary opposition which differentiates it from the concept of *femininity* is weakened to such an extent that its definition stops excluding the other. When it comes to *paternity* the deferral in the meaning of such concepts as *father* and *son* helps the author to relieve the pain which *fatherhood* inflicts on his soul.

**KEYWORDS:** *Immanuel Mifsud, In the Name of the Father (And the Son), postmodern zeitgeist, binary opposition, Jacques Derrida, demarcation lines, radicalization, displacement, différance, metaphysics of presence, spectrality, masculinity, femininity, biofiction, reconstruction, temporal disjunction*

## Astratt

Dan l-istudju jfittex li janalizza l-istrateġiji adottati minn Immanuel Mifsud f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* sabiex jadatta biex jesplora, u possibbilment iwessa', il-fruntieri li jikkostitwixxu l-limiti tal-jien tiegħu. L-istrateġija ewlenija mħaddma hija l-applikazzjoni dekostruzzjonista tal-kunċett tad-différance, li jżarma dak li hu stabbilit billi jisposta t-tifsira minn pożizzjoni fissa għal waħda li tiċċaqlaq mingħajr waqfien. Iċ-ċaqliq fit-tifsira jippermetti r-rikunċettwalizzazzjoni ta' termini essenzjali għall-awtur, li tifsirithom tinbidel drastikament. L-impatt imħolli joħloq l-ispazju meħtieġ biex Mifsud jipprova jirridefinixxi lilu nnifsu.

**KLIEM MUFTIEĦ:** *Immanuel Mifsud, Fl-isem tal-Missier (u tal-Iben), zeitgeist postmodern, oppożizzjoni binarja, Jacques Derrida, linji ta' demarkazzjoni, radikalizzazzjoni, spustament, différance, metafiżika tal-preżenza, spettralità, maskulinità, femminilità, bijofinzjoni, rikostruzzjoni, żlogar temporali*

## Il-ħtieġa tal-adattament

Għan Immanuel Mifsud li *Fl-isem tal-Missier (u tal-Iben)* ifittex li 'jifforma riflessjonijiet fuq il-maskulinità u l-paternità' jitfa' lit-test fil-qalba ta' kurrenti opposti għal xulxin.[1] Jekk fuq naħa tinħass il-ħerqa li t-test jisfida kwalunkwe sens ta' limitu fit-tentattiv tal-awtur li jirrikostitwixxi l-identità tiegħu, li kif se nuri s-sinjali tagħha jistgħu jiġu identifikati fl-interpretazzjoni tal-kwotazzjoni minn Hélène Cixous, l-istess ġibda tista' tixxekkel bil-possibbiltà ta' tħaddim ta' mudelli li jopponu d-dinamiċità fil-moviment. F'dan il-kuntest, id-deskrizzjoni li Martin Middeke jagħti ta' x'japprova u x'jirribatti ż-Zeitgeist postmodern hija relevanti biex jinftiehmu l-kurrenti kontradittorji fit-test ta' Mifsud. Middeke jasserixxi li ż-zeitgeist postmodern japprova l-inċertezza, l-ambigwità u l-frammentazzjoni u 'distrusts the ideas of totality, synthesis or binary oppositions'.[2] Għaldaqstant filwaqt li l-preżenza kontinwa tal-inċertezza, l-ambigwità u l-frammentazzjoni jiggarantixxu l-ħelsien fil-produzzjoni tat-tifsira fit-test ta' Mifsud, fl-istess nifs il-mod li bih l-awtur jiżvolġi r-riflessjoni fuq it-tema tal-maskulinità jista' jissuġġerixxi t-tħaddim tal-oppożizzjonijiet binarji li jistgħu jikkompromettu d-dinamiċità miksuba fil-moviment mixtieq.

Biex jissodisfa l-intenzjoni tiegħu li jirrifletti fuq il-maskulinità f'ħajtu,

1 *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* (Klabb Kotba Maltin, 2010), p. 9. Dan ix-xogħol letterarju rebbaħ lil Immanuel Mifsud il-Premju Ewropew Għal-Letteratura (EUPL) mogħti mill-Unjoni Ewropea għall-aħjar kittieb Malti emerġenti tal-Proża.

2 'Introduction: Life-writing, Historical Consciousness, and Postmodernism', minn *Biofictions: The Rewriting of Romantic Lives in Contemporary Fiction and Drama,* editjat minn Martin Middeke u Werner Huber (Rochester: Camden House, 1999), p. 1.

l-awtur jikkuntrastaha mal-lat femminili fih. It-tqegħid f'kontrapożizzjoni ta' dawn iż-żewġ elementi li għall-awtur jiffurmaw parti essenzjali mill-personalità tiegħu jissuġġerixxi apparentement it-tħaddim tal-qafas ta' ħsieb binarju li mid-definizzjoni tiegħu jxekkel is-sens ta' nuqqas ta' limitu. Is-sistema binarja użata biex tiġi interpretata r-realtà tillimita l-moviment ħieles fil-produzzjoni tat-tifsira billi timposta dak li Allen Thiher jidentifika bħala 'statically geometrical structure'.[3] L-istruttura tiffunzjona billi tassumi li ż-żewġ komponenti kontrapposti jibqgħu distinti minn xulxin, u b'hekk tiġi garantita l-instabbiltà u l-pożizzjoni tagħhom fl-ordni maħluqa. Il-konsegwenza diretta tat-tħaddim ta' dan il-mod kif tinqara r-realtà hi li l-istabbilta u l-inċertezza mixtieqa li jippermettu t-twessigħ bla limitu mixtieq jiġu kompromessi. Fi kliem ieħor, minnha nnifisha din is-sistema ta' ħsieb tiddetermina l-limiti ta' kemm tista' titwessa' t-tifsira kkunsidrata, fil-każ ta' Mifsud ir-rikostruzzjoni tal-jien tiegħu. Għaldaqstant il-viżjoni postmoderna tal-identità personali, li Mifsud tant jiddakkar minnha, ħteġilha tikkonfronta billi tirriviżita l-mod binarju ta' kif tinterpreta r-realtà. L-awtur Malti ħtieġlu għalhekk ifittex mod kif jikkunsidra ż-żewġ poli kontrapposti mingħajr ma jħalli d-duwaliżmu jillimitah fil-produzzjoni tat-tifsira.

Mifsud ifittex li jissupera l-limitu indikat billi jadatta, biex b'hekk ikun f'pożizzjoni li jisfrutta t-twessigħ fil-possibbiltajiet li l-ġeneru tal-bijografija kiseb f'dawn l-aħħar żminijiet. Hekk kif ir-rabta ssuġġerita mit-terminu *bijografija* bejn il-passat imġarrab u t-traskrizzjoni tiegħu bdiet tinħall u ż-żewġ partijiet bdew jitbiegħdu flok jitqarrbu, il-kittieba ma baqgħux aktar marbutin li jippruvaw jaqbdu l-passat kif darba kien.[4] Fil-vojt epistemoloġiku mħolli bdew jisfruttaw il-libertà sabiex jirrikostruwixxu l-passat flok jippruvaw jirriproduċuh. Dan inkiseb l-aktar permezz tat-tqarrib tal-fattwali mal-mistħajjel. Il-bażi kunċettwali li fuqu seta' jibbaża ruħu dan it-tqarrib jistrieħ fuq l-għarfien li n-narrattiva tifforma parti essenzjali miż-żewġ dimensjonijiet. Kif jispjega tajjeb Middeke, issa ssawret kuxjenza storika li hi 'aware of the fact that fiction and historiographic/biographical discourse are not mutually exclusive'.[5] Għalkemm wieħed ma jistax jgħid li dan il-ħelsien ġie rreġistrat biss riċentement, imma aktarx li din il-possibbiltà qatt qabel ma bdiet tirrealizza ruħha b'daqstant enfasi u rigorożità sistematika daqs f'dawn l-aħħar deċennji. Dan jikkonfermah Thiher li jisħaq li r-'writer's freedom to redefine the coordinates of self in fiction' issib espressjoni fit-tentattiv postmodern li tinkiteb bixra ġdida ta' awtobijografija fittizja.[6] Fl-ispazju maħluq l-awtur Malti seta' għalhekk jisfrutta l-possibbiltajiet miksuba mill-ġeneru sabiex jirrikostruwixxi l-identità personali tiegħu.

L-istrateġija li jadotta Mifsud tista' tintwera meta jiġi kkunsidrat mudell partikolari li jagħti definizzjoni tal-identità personali. It-tixjin tal-possibbiltà

3 *Words in Reflection: Modern Language Theory and Postmodern Fiction* (Chicago: The University of Chicago Press, 1987), p. 88.

4 Martin Middeke, 'An Intertextual Quest for Thomas Chatterton', minn *Biofictions: The Rewriting of Romantic Lives in Contemporary Fiction and Drama*, 27-49, p. 43.

5 Middeke, p. 4.

6 Thiher, p. 136

li l-prinċipju ewlieni li fuqu jinbena l-mudell jiffunzjona fuq linja binarja jista' jikxef il-mod li bih Mifsud jagħmilha possibbli li jisfrutta l-libertà fit-twessigħ tal-limiti determinanti biex fi ħdanhom jissawwar il-jien mistħajjel daqskemm fattwali tiegħu. Mark Currie jiddeskrivi dan il-mudell hekk: 'the explanation of a person's identity must designate the difference between that person and others : it must refer not to the inner life of the person but to the system of differences through which individuality is constructed'.[7] Fid-deskrizzjoni li jagħti, Currie jattribwixxi lil din id-differenza sehem determinanti, tant li jikkonkludi li l-identità personali 'is structured by, or constituted by, difference'.[8] L-enfasi fuq id-differenza bħala l-fus li fuqu tissawwar l-identità personali jista' jevoka għal darba oħra l-oppożizzjoni binarja. Li identità personali tissawwar fuq il-premessa li dak li jiffurmaha jista' jiddistingwiha mill-bqija tista' timplika l-possibbiltà tar-rifjut tal-assimilazzjoni tal-ieħor. Fil-kuntest tat-test ta' Mifsud din il-pożizzjoni għandha riperkussjonijiet li l-awtur juri li ma kienx jixtieqhom. Kollox jindika li hu jfittex tul it-test li tinbena relazzjoni ambigwa mal-missier, b'tali mod li fil-proċess ta' rikostruzzjoni l-influwenza determinanti tal-missier tiġi inkluża daqskemm eskluża. Għal darba oħra, għalhekk, l-oppożizzjoni binarja tinħass li setgħet tikkomprometti għan l-awtur. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-libertà li jitkellem dwarha Thiher fil-proċess ta' ridefinizzjoni tal-"coordinates of self" setgħet tkun limitata. Quddiem din is-sitwazzjoni, tinħass għaldaqstant il-ħtieġa li l-prinċipju bażiku tad-differenza tinħallu r-riġidità li jista' jissuġġerixxi b'tali mod li l-proċess ta' rikostruzzjoni jitlaq minn punt tat-tluq li minnu xejn ma jiġi eskluż. Sabiex jisfrutta l-libertà mogħtija lilu mill-ġeneru tal-bijografija fittizja l-kittieb, għalhekk, jeħtieġlu jadatta. Imma xi strateġija juża l-awtur Malti biex jissupera x-xkiel impost mill-mudell binarju kif applikat konvenzjonalment u jikseb f'xogħlu dak li Raphael Vella jiddeskrivi fit-test ta' Mifsud bħala 'the way it unsettles certainties and reconfigures the way we come to terms with who we are and those who are no longer?'[9] U xi proċess jadotta sabiex dak li jidher statiku jinħall u fl-ispazju maħluq jitfaċċaw possibbiltajiet ta' twessigħ li inizjalment setgħu dehru miċħuda?

Huwa hawn fejn jinħass il-pass kruċjali li jien nemmen li t-test ta' Mifsud isegwi. L-importanza tal-adattament tista' tibda tingħata meta jitqies b'antiċipazzjoni li fil-każ tiegħu, l-ostaklu hu fl-istess ħin l-indikazzjoni tal-istrateġija adottata sabiex it-test jinħareġ mill-isqaq kunċettwali li seta' jsib ruħu fih. Fi kliem ieħor, l-istrateġija li jadotta Mifsud biex jirbaħ id-diffikultà li fir-rikostruzzjoni jassorbixxi kurrenti li jistgħu jkunu kontradittorji tid-determina t-triq maqbuda. Il-pass mittieħed jinftiehem aħjar fil-kuntest tar-riviżitazzjoni li jagħmel Jacques Derrida tal-prinċipju tad-differenza kif żviluppat minn Ferdinand de Saussure. L-istudju se jfittex li jinterpreta l-isforz ta' Mifsud li jadotta l-ftuħ offrut mir-radikaliżmu dekostruzzjonis-

7 *Postmodern Narrative Theory* (Palgrave Macmillan, 2011), p. 25.
8 Ibid.
9 <http://www.transcript-review.org/en/issue/transcript-38-malta/essay-writing-on-the-edge-by-raphael-vella.>

ta billi jadatta d-differenza kif issuġġerita fid-deskrizzjoni tal-mudell li jiddeskrivi Currie għall-impatt fuqu tad-différance. Il-ħassieb Franċiż stess jindika r-rabta bejn id-dekostruzzjoniżmu u l-ħtieġa li l-prinċipji mħaddma fit-test jinbidlu radikalment, biex b'hekk jipproduċu tifsira kkaratterizzata minn sens ta' spustament kontinwu, meta jisħaq li 'Deconstruction has never had any sense or interest, in my view at least, except as a radicalization [...]'.[10] Fl-orjentazzjoni tat-test lejn ir-radikalizzazzjoni, l-adottar tal-kunċett ta' différance hu determinanti għax fi kliem Linda Hutcheon il-kunċett Derridean jiffavorixxi l-'multiplicity, heterogeneity, plurality, rather than binary opposition and exclusion'.[11]

F'dan l-istadju huwa biżżejjed wieħed jgħid li fit-test ta' Mifsud irradikalizzazzjoni dekostruzzjonista tinħass titħaddem sew. It-tqaċċit mill-għeruq li jippermetti l-ispustament fit-tifsira tant determinanti għattwessigħ tal-limiti jippermetti lill-awtur biex fit-tlaqqigħ mal-Ieħor jikkunsidra anki possibbiltajiet kontradittorji. Fid-dawl ta' dan hija l-intenzjoni ta' dan l-istudju li eventwalment japplika l-kunċett ta' spettralità kif mibni minn Derrida biex jiġi analizzat l-inkontru mal-missier. Iżda biex l-ispustament seta' jsir possibbli l-awtur ħtieġlu jippermetti li t-test jinħakem millinċertezza. L-istudju għalhekk qabelxejn se jfittex jidentifika l-ħerqa talawtur li jisfida l-limiti kemm jista'. Ladarba dan ikun stabbilit, il-pass li jmiss ikun li tiġi ttraċċata l-inċertezza li twassal għall-indeterminezza u t-tixjin tal-istabbiltà. F'dan il-kuntest, imbagħad, tkun tista' ssir l-interpretazzjoni tal-istrateġija ta' Mifsud sabiex jadatta d-differenza ta' matriċi Saussurejana għall-impatt tad-*différance* Derrideana li tippermetti l-instabbiltà u l-moviment ħieles fil-produzzjoni tat-tifsira. Ta' min wieħed jinnota li, kif nittama li nuri fis-sezzjoni li jmiss, l-impostazzjoni ta' ambjent iddominat minn sens ta' instabbiltà u inċertezza hu ffaċilitat min-natura tat-test innifsu. Il-fil konfessjonali li jiddomina tul ir-rakkont donnu minnu nnifsu kien jesiġi li l-awtur joħloq sens ta' ambigwità billi t-test jinbena b'tali mod li jitbandal epistemoloġikament minn naħa għall-oħra mingħajr ma jikkomprometti lilu nnifsu ma' ebda naħa minnhom. Eventwalment, dan is-sens ta' spustament kontinwu jiddetermina l-qari dekostruzzjonista tat-test ta' Mifsud. Fl-aħħar mill-aħħar, in-nuqqas ta' stabbiltà u definitezza fil-mod li bih l-awtur għażel li jesprimi ruħu, determinanti għall-ispustament kontinwu fuq il-mod kif jista' jiġi interpretat it-test, ilkoll għandhom sehem importanti fit-tiswir tal-viżjoni li l-awtur xtaq jirrappreżenta f'xogħlu.

## L-isfida tat-twessigħ tal-limiti

Id-diffikultà li sabu diversi kummentaturi biex jiddeskrivu l-garżella talġeneru letterarju li *Fl-isem tal-Missier (u tal-Iben)* jista' jitqiegħed fiha tista' tkun indikazzjoni ta' strateġija li tmur lilhinn minn sempliċiment konsider-

10 *Specters of Marx* (London: Routledge, 2006), p. 115.
11 *A Poetics of Postmodernism: History, Theory, Fiction* (London: Routledge, 1988), p. 61.

azzjoni dwar il-forma letterarja.[12] Kollox ma' kollox, l-isforz li Mifsud ikun eluživ fil-forma daqskemm ambigwu fit-tifsira li jixtieq jagħti lit-test tiegħu huma lkoll effett tal-istess viżjoni kkaratterizzata minn sforz sabiex jitqaċċtu l-għeruq. Il-mekkaniżmu li jiġġenera l-inċertezza kif muri fid-diffikultà li jiġi definit il-ġeneru tiegħu, jestendi ruħu lejn aspetti fundamentali oħra tat-test. Kif nittama li jintwera, is-sens ta' spustament li jikkawża l-instabbiltà epistemoloġika jimmanifesta ruħu fil-mod kif it-test jiffunzjona fid-diversi partijiet tiegħu. Għalhekk, fit-tentattiv tal-awtur li jieħu spunt minn djarju ta' missieru sabiex jiżvolġi vjaġġ li jgħinu jesplora lilu nnifsu, jinħoloq ambjent fejn xejn mhu ċert. Saħansitra meta mqabbel max-xogħlijiet preċedenti tal-awtur it-test jista' jikkonferma dan l-istat ta' tiftix u inċertezza: jinqata' sew mit-tradizzjoni tan-novelli li hu sa dak il-punt fiż-żmien kien derra l-qarrej Malti bihom.

Meta miflija fi kwadru usa', li fih tissieħeb ma' sinjali oħra li jissuġġerixxu dispożizzjoni simili anki jekk f'bixra differenti, il-likwidità tal-forma magħżula tista' tixħet dawl siewi fuq xi pprova jagħmel u jikseb l-awtur fit-test. Pass sinifikanti f'din id-direzzjoni hu li l-essenza tal-ħerqa li jinħallu l-linji ta' demarkazzjoni, b'tali mod li kif osserva Albert Gatt it-test jieħu minn diversi forom letterarji mingħajr ma jappartjeni lil ebda waħda minnhom, hi mniss-la min-natura tat-test innifsu.[13] Sabiex tinħoloq il-possibbiltà li jinftiehmu r-raġunijiet li setgħu nebbħu lill-awtur jadotta din l-istrateġija, jgħin mhux ftit għalhekk li wieħed jikkunsidra l-qagħda psikoloġika sintomatika mad-deċiżjoni li jitperrċu l-ħsus l-aktar intimi. Kull awtur li jiddeċiedi li jittraskrivi l-esperjenzi mġarrba minnu f'xi ħin jew ieħor jiffaċċja d-dilemma ta' fejn għandu jaqta' sinjal bejn dak li jista' jsir pubbliku u dak li m'għandux. F'dan il-kuntest, Mifsud jinħass jinqabad f'taqbida miegħu nnifsu għax minn banda jeħtieġlu jinfeda mill-qagħda skomda li Gatt jiddeskrivi bħala l-'profound discomfort of finding oneself in the role that one has sought to subvert', u mill-banda l-oħra konxju mill-biża' li jista' jagħmel pubbliku dak li għandu jibqa' privat.[14] Is-sitwazzjoni – delikata daqskemm imqanqla – titlob għaldaqstant li tinstab it-triq tan-nofs. Il-kompromess li jsib Mifsud jidħol ukoll fil-mudell ta' spustament u inċertezza ssuġġerit s'issa. Hemm diversi sinjali li jixħtu dawl fuq dan, ewlieni fosthom il-funzjoni li taqdi l-kwotazzjoni minn Cixous. Il-pożizzjoni li fiha hu għażel li jqiegħed id-dikjarazzjoni tal-ħassieba Franċiża, jiġifieri bħala paratest eżattament qabel ma jibda r-rakkont, tissuġġerixxi li l-kwotazzjoni tinftiehem li hi intenzjonata li timposta qafas kunċettwali li fi ħdanu jista' jiġi interpretat it-test li jsegwi.

Mifsud donnu jieħu l-asserzjoni tal-ħassieba Franċiża bħala punt tat-tluq li minnu jitlaq sabiex jibda jifformula l-istrateġija narrattiva tiegħu. Is-sens ta' direzzjoni jibda jinqabad hekk kif l-asserzjoni magħżula tibda tinħall

12 Biex nagħti eżempju, filwaqt li Mark Vella ddeskriva t-test ta' Mifsud bħala rumanz, Albert Gatt isostni li *Fl-isem tal-Missier (u tal-Iben)* għandu l-karatteristiċi ta' memoir, ta' awtobijografija u ta' test storiku. Għar-referenzi ara <http://independent.academia.edu/MarkVella/Papers> u <http://www.immanuelmifsud.com/agatt.html> rispettivament.

13 <http://www.immanuelmifsud.com/agatt.html>.

14 Ibid.

minn kull ħjiel ta' għeluq li setgħet timplika. Fi kliem ieħor, hu ħtieġlu joftoq is-sitwazzjoni komprometttenti ssuġġerita minn dak li tidher li tisħaq fuqu Cixous fid-dikjarazzjoni tagħha. Anzi huwa proprju f'dan il-ftuq li jien nemmen li l-awtur seta' u fil-fatt jirnexxilu jiżra' l-għeruq tal-viżjoni li xtaq jirrealizza. Apparentement, id-dikjarazzjoni li 'one can confess all one wants, the unconfessable remains unconfessed' tista' tissuġġerixxi l-impossibbiltà li l-*unconfessable* li seta' kellu f'moħħu Mifsud isir konfessabbli. Minkejja din l-impressjoni, l-awtur donnu jfittex li joftoq it-tifsira tal-kliem u jisfida l-limiti tiegħu biex b'hekk jislet mill-estensjoni ta' tifsiritu dak li fil-bidu seta' deher miċħud. Terġa' għalhekk titfaċċa l-oppożizzjoni binarja li potenzjalment tillimita l-possibbiltajiet għall-awtur. Il-qafas ta' inċertezza joħloq l-ispazju għaċ-ċaqliq li jippermetti lit-tifsiriet tat-termini li jidhru opposti għal xulxin jidħlu waħda fl-oħra b'tali mod li ma jibqgħux distinti minn xulxin, u għalhekk jitilfu l-essenza li tikkuntrastahom.

Il-prinċipji epistemoloġiċi li fuqhom tistrieħ id-distanza li tifred it-tama tat-twettiq kif issuġġerita mill-frażi *all one wants,* u n-negazzjoni tagħha ladarba kkwalifikata bl-*unconfessable remains unconfessed,* ħteġilhom jgħaddu minn proċess ta' radikalizzazzjoni sabiex tixref il-possibbiltà li dak negat jibqagħlu xorta waħda l-ispazju fejn jikseb il-possibbiltà li jsir realizzabbli. Kif jintwera aktar 'il quddiem, Mifsud jirnexxilu jwettaq dan il-qtugħ mill-għeruq li fuqhom jistrieħu l-poli opposti f'Cixous u f'eżempji oħrajn permezz tal-ħolqien ta' kuntest ikkaratterizzat mis-sospensjoni tat-tħaddim tal-prinċipji tal-loġika kif implikat f'din il-kwotazzjoni minn Jorge Luis Borges li tantiċipa 'l Derrida: 'In real time, in history, whenever a man is confronted with several alternatives, he chooses one and eliminates and loses the others. Such is not the case in the ambiguous time of art, which is similar to that of hope and oblivion'.[15] Fit-trasferiment tad-diskors mil-livell razzjonali assoċjat mar-realtà ta' kuljum lejn ir-realtà ambigwa tal-arti Mifsud jisfrutta l-libertà li jirreferi għaliha Thiher sabiex jikseb dak li fil-bidu seta' deher impossibbli li jinkiseb. Għaldaqstant, dak li fl-aħħar parti tal-kwotazzjoni ma setax ikollu l-possibbiltà li jitqerr, l-awtur Malti jittama li jqerru xorta waħda billi paradossalment jesprimi dak li għandu jgħid fl-istess nifs li ma jgħidx dak li jrid jgħid.

It-tħaddin simultanju minn Mifsud taż-żewġ partijiet li jikkontradixxu lil xulxin jista' jintwera permezz tal-eżempji li Borges jagħti sabiex jillustra kif dak li jidher impossibbli għax illoġiku jsir possibbli fl-'ambiguous time of art'. Bħalma l-Konti Ugolinu fil-poema epika ta' Dante Alighieri jiekol l-iġsma tant għal qalbu ta' wliedu fit-torri mudlam tiegħu daqskemm fil-fatt ma jikolhomx, jew Amletu hu miġnun daqskemm fl-istess ħin hu san minn moħħu, hekk ukoll Mifsud joħloq il-possibbiltà li jqerr l-inkonfessabbli daqs kemm fil-fatt ma jqerrux. Iżda kif issuġġerit diġà, sabiex l-awtur seta' jikkonkretizza dan l-ispirtu ta' sospensjoni tal-loġika ħtieġlu jadotta sistema li fir-radikalizzazzjoni ta' dak li hu stabbilit tibdel dak li razzjonalment jidher im-

15 'The False Problem of Ugolino' minn *The Total Library: Non-fiction 1922-1986* (London: Penguin Books, 1999), 277-279, p. 279.

possibbli f'possibbli. F'dan is-sens kif diġà ssuġġerit, l-istrateġija mħaddma minn Mifsud biex ixejjen il-limiti imposti mid-dikotomiji tista' tinftiehem fid-dawl tad-dekostruzzjoniżmu kif żviluppat minn Derrida, b'mod partikolari permezz tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' différance. Iżda l-awtur kemm iħoss li fl-aħħar mill-aħħar laħaq għanu, jiġifieri li jirrealizza l-impossibbiltà implikata fil-kwotazzjoni minn Cixous? Fil-kelmtejn tal-aħħar li bihom jagħżel li jagħlaq l-awtobijofinzjoni Mifsud jirreferi għall-ġudizzju li jgħaddi Peter Hendke dwar il-memorji li jikteb ta' ommu suwiċida. Hija kwotazzjoni relevanti għax filwaqt li tirreferi għall-problema li qed niddiskuti tagħti wkoll ħjiel tas-superament tagħha : 'Gieli, jien u naħdem fuq l-istorja, ħassejt it-toqol tal-frankezza u l-onestà jagħfas fuqi, u xtaqt li kont qed nikteb xi ħaġa li setgħet tħallini nigdeb u nuri ħaġa b'oħra [...]'.[16] Filwaqt li r-referenza għad-diffikultà li jkun sinċier fit-tperriċ tas-sentimenti tevoka d-dilemma espressa fil-kwotazzjoni ta' Cixous, ix-xewqa tiegħu li jużа l-gidba biex jgħatti l-verità ta' dak verament imġarrab tikkonferma l-passaġġ li minnu l-kittieb jista' joħroġ mingħajr ma juri d-dawl lil dak li ma jixtieqx iperreċ. Dak li ma rnexxilux iwettaq Hendke huwa ssuġġerit li ntlaħaq minn Mifsud : 'Issa, li l-aħħar sentenza nkitbet, u qlibt il-folja u sibt il-qoxra, nista' nieħu nifs qawwi u nitfi'.[17] Ir-realizzazzjoni hi ssuġġerita fl-istil lakoniku u mgħobbi bl-implikazzjonijiet li jikkaratterizza t-test ta' Mifsud. Ir-referenza għas-sodisfazzjon li ħass hekk kif kiteb l-aħħar sentenza tista' tissuġġerixxi dan.

Fl-isforz tiegħu li jfannad qigħan ruħu, l-awtur idaħħalna f'dinja ta' emozzjonijiet mill-aktar imqallba u intensi fejn jiddomina ċ-ċaqliq kontinwu tat-tifsira tas-sinjali rrappreżentati. Minn dan il-lat, il-lingwaġġ magħżul minn Mifsud biex bih jagħti forma lit-tlaqqigħ testwali ma' missieru mejjet jista' jkun indikattiv tal-ħtieġa li jibqa' eluživ biex jiżra' l-instabbiltà f'dak kollu li jiddeċiedi li jaqsam mal-qarrej. L-użu kontinwu minnu tax-xbihat, tal-analoġiji, tar-referenzi intertestwali u tal-paradossi bħala l-mezzi ewlenin li bihom ifisser ħsusu, li jimmanifesta ruħu kontinwament tul ir-rakkont, ma jiffunzjonax biss biex isarraf l-esperjenzi mġarrba f'lirika. Barra minn din il-funzjoni importanti għandu wkoll il-għan li jsaħħaħ il-possibbiltà li t-test jinħakem mill-inċertezza ta' kif jista' jiġi interpretat. L-orjentazzjoni lejn l-istil liriku, min-naħa tagħha, taqdi wkoll funzjoni fundamentali fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi rreġistrat spustament kontinwu. Fit-test ta' Mifsud l-ekonomija fil-mod kif iħaddem il-funzjoni referenzjali, kif għad irid jintwera, barra milli tikkontribwixxi għall-istil liriku, tiffaċilita l-proċess ta' spustament saħansitra fl-essenza li tikkostitwixxi l-karattri. L-applikazzjoni ta' din l-istrateġija aktarx li tilħaq il-qofol tagħha fil-figura spettrali tal-missier, li għalhekk tixhed flimkien ma' elementi oħra t-tħaddim tal-prinċipji dekostruzzjonisti mill-awtur Malti.

16 Mifsud, p. 80.
17 Ibid.

## Id-dekostruzzjoni tal-metafiżika tal-preżenza

Huma diversi s-sinjali li jixhdu li l-orjentazzjoni lejn il-qari dekostruzzjonista ta' *Fl-Isem tal-Missier* jitlobha t-test innifsu. Ewlieni fosthom hemm il-bixra li tingħata u l-funzjoni li taqdi l-figura ċentrali tal-missier. Il-ħtieġa li dil-figura tiġi interpretata fi kwadru dekostruzzjonista nittama li jintwera mill-fatt li l-qari konvenzjonali tagħha jissarraf f'interpretazzjoni limitata wisq fl-implikazzjonijiet li tiġġenera. Ladarba l-figura għandha sehem fundamentali fit-tentattiv ta' Mifsud li jitwessgħu l-limiti billi tinħoloq inċertezza li twassal għal spustament fit-tifsira, il-qari konvenzjonali ma jaqbadx il-kumplessità tal-figura u għalhekk jillimita l-impatt li din tħalli fir-rakkont. Biex nipprova dan se nieħu spunt minn osservazzjonijiet magħmula minn Gatt relatati ma' dan il-fil ta' ħsieb. Għaldaqstant, f'dak li jien se ninterpretata bħala d-diffikultà fil-qari tiegħu tal-figura tal-missier tista' tkompli titwitta t-triq għall-qari dekostruzzjonista tat-test. Fil-proċess għandu jitla' fil-wiċċ il-qofol tal-istrateġija li jħaddem l-awtur sabiex jagħraf isolvi l-problema identifikata fis-sezzjonijiet preċedenti. Fi kliem ieħor, dak li Mifsud jagħmel mill-figura ta' missieru jikkostitwixxi l-mekkaniżmu mħaddem intenzjonat li jkun strumentali fit-tentattiv li ssir riviżitazzjoni u jitwessgħu l-fruntieri tal-jien tiegħu. L-għan tiegħi issa hu li l-ewwel nett nikxef l-istrateġija adottata, biex imbagħad nittraċċa l-effett tagħha fuq ir-riviżitazzjoni u l-possibbiltà ta' rikostruzzjoni tal-jien tal-awtur.

Il-punt kruċjali li jista' jifred qari konvenzjonali mill-qari dekostruzzjonista ta' *Fl-Isem tal-Missier* huwa l-attitudni li biha tiġi ttrattata l-preżenza. Biex inkun speċifiku, l-attitudni għandha tinftiehem bħala l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta' dik li l-Filosofija sa minn Martin Heidegger bdiet tidentifika bħala l-metafiżika tal-preżenza. Fil-każ ta' Gatt, id-diffikultajiet jibdew jinqalgħu mat-tentattiv sabiex tibda tiġi deskritta l-figura tal-missier. Hu jagħraf kemm hi importanti din il-figura meta jistqarr li 'perhaps it is inevitable that the Father, the old artificer, Logos and lawmaker, should ultimately emerge as the central figure in a work that seeks to come to terms with manhood'.[18] Iżda fl-istess kwotazzjoni jitfaċċa s-sinjal li jikkonferma d-direzzjoni mittieħda fl-interpretazzjoni. Itteħditx b'mod konxju jew le hu kważi irrelevanti ladarba l-impatt jinħass xorta waħda. Ir-referenza għall-missier bħala *logos* tikxef fil-fatt it-twemmin fil-metafiżika tal-preżenza, u li skontu Gatt jagħti l-qari tiegħu. Iżda x'għandha l-preżenza kif mifhuma skont din it-tradizzjoni li jiddetermina l-ħtieġa ta' bidla radikali fil-kunċett meta applikat għat-test ta' Mifsud? Ladarba tiġi stabbilita dil-bidla, kif taffettwa t-tentattiv tal-awtur Malti li fit-test jipprova jwessa' l-konfini li fi ħdanhom jissawwar il-jien tiegħu permezz tat-tlaqqigħ mal-figura ta' missieru? U marbuta magħha, għala t-tip ta' qari li jipprovdi Gatt jillimita t-test ta' Mifsud? Sabiex is-sitwazzjoni tinftiehem aħjar, it-tweġiba trid tingħata fil-kuntest tad-dekostruzzjoni li l-kunċett ta' preżenza jirreġistra mar-rikunċettwalizzazzjoni tiegħu minn Derrida. Dan

18 Gatt.

għandu jgħin bis-sħiħ biex eventwalment jiġi ttraċċat u rreġistrat x'jirnexxilu jagħmel Mifsud mill-figura ta' missieru.

Il-qofol ta' dak li ż-żewġ pożizzjonijiet ma jaqblux dwaru jista' jiġi ssintetizzat fil-mod kontrastanti li bih il-preżenza hi konċeputa minnhom. Il-metafiżika tal-preżenza tassumi l-possibbiltà li wieħed jikkonċepixxi preżenza li hi pura u sħiħa fiha nfisha. Dan jissarraf fir-realizzazzjoni tal-eżistenza ta' aġent li l-preżenza tiegħu hija awtonoma ladarba ma jiddependi fuq xejn ħlief fuqu nnifsu biex jeżisti, filwaqt li d-dimensjoni temporali hi mifhuma bħala waqt pur ta' żmien li ma jeħtiġx il-kunċett ta' passat u preżent biex jirrealizza ruħu. L-ibbażar fuq it-teorija lingwistika li s-sinjal lingwistiku jikkonsisti fis-sinifikatur li tifsiritu titnissel minn idea jew kunċett sinifikat huwa s-sors li fuqu jissawwar l-attakk li jispiċċa jżarma l-metafiżika tal-preżenza. L-għeruq taż-żarmar tal-kunċett metafiżiku tal-logos bħala preżenza nistgħu nsibuhom f'Saussure, li xejjen in-nozzjoni ta' immedjatezza tas-sinjal lingwistiku billi identifika s-sistema differenzjali bħala l-bażi għall-produzzjoni ta' tifsiritu. B'hekk, il-preżenza tas-sinjal saret tinftiehem li tiddependi fuq id-differenza mis-sinjali l-oħra. Iżda l-pass deċiżiv li jaqta' kompletament is-sinjal lingwistiku mit-tradizzjoni tal-metafiżika tal-preżenza jagħmlu Derrida. Għalih id-differenzjalità skont Saussure xorta baqgħet issostni l-logoċentriżmu. Għaldaqstant hu jfittex li jżarma għal kollox il-metafiżika tal-preżenza billi s-sistema differenzjali jittrasformaha fil-fattur ewlieni li jiddetermina l-istess tifsira tas-sinjal. L-iskop jintlaħaq permezz tal-inklużjoni taċ-ċaqliq tat-tifsira minn sinjal għall-ieħor, li flimkien mad-differenzjalità jikkostitwixxu f'dan is-sens il-mudell Derridean. L-impatt tad-dinamika li biha s-sinjal jiffunzjona skont Derrida hu ċar daqskemm devastanti fl-implikazzjoni tiegħu: issa t-tifsira tas-sinjal ma baqgħetx aktar sħiħa u preżenti fiha nfisha, imma saret mifruxa mas-sinjali l-oħra. Biex jispjega dan il-moviment bla waqfien Derrida joħloq it-terminu *différance*. Fil-mod li bih tinkiteb, id-différance tlaħħam l-instabbiltà li tiċħad il-possibbiltà li jkollha tifsira aħħarija, ladarba fil-Franċiż il-verb *differer* jissuġġerixxi diferiment (jew posponiment) daqskemm differenza. Id-différance għalhekk toħloq il-possibbiltà li tirreferi għad-diferiment u għad-differenza fl-istess ħin, u b'hekk tirreżisti l-għeluq ta' tifsiritha.

Id-differenza li tikkostitwixxi l-identità personali fil-mudell ta' Currie li rreferejt għalih aktar 'il fuq tista' issa tinqara fid-dawl tad-distakk sinifikattiv li jiddistingwi l-interpretazzjonijiet li taw tagħha Saussure u Derrida. Tinterpretax il-figura tal-missier skont dak li stabbilixxa wieħed jew l-ieħor ifisser il-figura titqiesx bħala awtonoma u sħiħa jew jekk it-tifsira tagħha hix parzjali u dipendenti fuq sinjali oħra. Kif indikat diġà Gatt jagħżel li jiġbed lejn id-direzzjoni logoċentrika. Din il-pożizzjoni kważi inevitabbilment twassal għal ċerti diffikultajiet fl-interpretazzjoni. Li jiġri hu li meta tiġi interpretata fi ħdan il-parametri stabbiliti mill-metafiżika tal-preżenza bħalma jagħmel Gatt, il-figura msemmija tispiċċa tiżloq minnhom. Id-diffikultà tibda tinqala' hekk kif hu jipprova jillokalizzaha: 'The father's voice surfaces in

the first part of this book in fragments of writing that he left behind [...]'.[19] Kif għad irrid nuri, il-fokalizzazzjoni ta' Gatt fuq id-dehra tal-missier bħala vuċi li toħroġ mid-djarju miktub minnu tassumi l-manifestazzjoni tal-preżenza bħala entità distinta u sħiħa. Il-pożizzjoni mittieħda għalhekk tikkompromettì l-analiżi u tillimitaha fit-tentattiv li tidentifika l-manifestazzjoni tal-missier. Il-figura li joħloq Mifsud tinbena fuq il-prinċipju tat-*traċċa* li Derrida jipprovdi sabiex jikkumplimenta s-sens ta' fluwidità u spustament li jissostitwixxi s-solidità u l-immedjatezza marbutin mal-metafiżika tal-preżenza. Minħabba dan, isir impossibbli tiddetermina fejn din tibda jew fejn tispiċċa. Kif jispjega tajjeb Currie, 'any sign is embedded in a context and its meaning bears the trace of the signs which surround it, which have preceded it and which follow it'.[20]

L-ewwel sinjal li joħroġ il-limitu fl-osservazzjoni ta' Gatt jista' jintwera minn din is-silta, li tippreċedi l-mument referut minnu:

> Kont naħseb li jien biss nibki, li jien biss nagħmel dak li mhux
> suppost nagħmel.
> Bħal dakinhar.
> Dakinhar.
> Dak
>
> kien
> żmien meta kont tgħidli li jien ma nistax nibki. Jien tifel. Ma tistax issir raġel jekk tibki.[21]

Il-figura tal-missier tinħass tixref fl-eżerċizzju mnemoniku mħaddem mill-awtur li fih imur lura għal mument partikolari f'ħajtu. L-evokazzjoni tal-missier titqanqal mill-preokkupazzjoni tal-kittieb li kien jaħseb li hu biss kien jibki u li jagħmel dak li suppost ma jagħmilx. It-tħassib tiegħu ma jistax ma jeħdux lejn min ikkawża l-preokkupazzjoni fih. Il-figura tal-missier hija ssenjalata grafikament permezz tal-qtugħ fil-paġna bejn *dak* u *kien*. Mifsud jipprepara sottilment lill-qarrej bil-manifestazzjoni billi jirreġistra bidla sinifikattiva fil-kors li l-eżerċizzju mnemoniku jkun qiegħed jieħu. Fl-ewwel parti, jiġifieri minn *kont* sa *dakinhar*, id-diskors huwa f'forma ta' monologu. Imbagħad il-kelma *dakinhar* tiġi repetuta, li tista' tissuġġerixxi pawsa li tippermetti lil Mifsud jirrifletti fuq dak il-mument partikolari f'ħajtu. Wara dan il-kelma tiġi ridotta għal *dak*, riduzzjoni li tista' tinftiehem li tissenjala bidla anki fl-għamla tad-diskors li qiegħed jiżvolġi. Fl-ispazju li joħloq grafikament, imbagħad, l-awtur jinfilsa l-preżenza ta' missieru billi l-monologu jibdlu fi djalogu miegħu. L-indirizz tad-diskors lill-missier jistabbilixxi bla ebda dubju l-preżenza tiegħu fit-test, li tippreċedi r-referenza għad-dehra tal-istess missier permezz tas-silta mid-djarju li jirreferi għaliha Gatt. Iżda l-problema fl-osservazzjoni ta' dan tal-aħħar mhix biss kwistjoni ta' preċedenza. Iktar importanti minn hekk huwa x'jiġi ssopponut fl-osservazzjoni li l-manifestazzjoni

19 Ibid.
20 Currie, p. 83.
21 Mifsud, p. 12.

permezz tal-vuċi li toħroġ mid-djarju tikkostitwixxi l-preżenza ewlenija tal-figura tal-missier fit-test. Jekk fl-osservazzjoni tiegħu Gatt jagħti wieħed x'jifhem li din il-manifestazzjoni tixref fit-test għall-ewwel darba, hu jkun qiegħed jimplika suppożizzjoni importanti ħafna: ladarba għalih il-figura li toħroġ mid-djarju hija l-ewwel manifestazzjoni tiegħu, hija teskludi manifestazzjonijiet oħra li jippreċeduha fit-test. Dan jiġri għax l-osservazzjoni titlaq mill-bażi tal-metafiżika tal-preżenza, li la l-prinċipju bażiku li fuqu tinbena jitlob li l-essenza hija preżenza ssib diffikultà biex taqbad il-bixra eluživa li l-figura tal-missier tieħu, pereżempju, fis-silta kkwotata. Il-manifestazzjoni li jien slitt mhix fil-fatt l-unika darba li l-figura tal-missier tixref fit-test f'mument li jippreċedi dak li jirreferi għalih Gatt. Il-figura timmanifesta ruħha f'forom oħra, pereżempju f'paġna 17 fejn tieħu l-forma ta' diskors dirett issenjalat permezz tal-korsiv, u li Gatt jeskludi.[22] Id-diffikultà li l-figura tiġi identifikata jimplika li m'għandhiex ċentru, u kif jiddeskrivi tajjeb is-sitwazzjoni Thiher m'hemmx post fiss għal tifsiritha.[23] Dan kollu jipprova kemm f'Mifsud għandna figura li ma tidħolx fil-mudell tradizzjonali. B'hekk il-kunċett tal-preżenza tal-missier jibda jitqarreb lejn l-ispettralità Derrideana, li wieħed jista' jinterpretaha bħala l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu li bih tiffunzjona d-différance fuq il-kunċett ta' identità. L-antimetafiżika li tikkaratterizza d-deskrizzjoni ta' Derrida tal-ispettru tista' tiġi attribwita għall-figura maħluqa minn Mifsud: '[...] this element itself is neither living nor dead, present nor absent: it spectralizes. It does not belong to ontology, to the discourse on the Being of beings, or to the essence of life or death.'[24] Hemm element ieħor fit-test ta' Mifsud li barra li jikkonferma l-orjentazzjoni lejn il-qari dekostruzzjonista jikkostitwixxi bażi soda għall-interpretazzjoni tal-ispettralità fil-figura tal-missier.

L-enfasi fuq l-ispustament tat-tifsira, determinanti fit-test ta' Mifsud, tirrikjedi fus li fuqu jkunu jistgħu jitħaddmu l-prinċipji identifikati intenzjonati li jżarmaw il-metafiżika tal-preżenza. Pass kruċjali f'din id-direzzjoni huwa s-sezzjoni li biha jiftaħ it-test, jiġifieri l-'Kelmtejn qabel'. Fiha jiġi introdott kunċett dekostruzzjonista li jippermetti lill-awtur iwettaq dak li xtaq. Il-bixra li Mifsud jagħti lil missieru tagħti lit-test il-qafas kunċettwali li jipprovdi l-parametri li fi ħdanhom it-tlaqqigħ mal-missier jipproċedi kif mixtieq:

> Dakinhar tal-funeral ta' missieri, filgħaxija, jien u nbennen lil ibni li kien għadu tad-dirgħajn, erġajt qbadt naqra l-ktieb il-kannella, u ġara li minflok naqra t-test tiegħu, bdejt naqra test ieħor li beda tiela' bil-mod il-mod minn dawk il-paġni, test li minbarra l-memorji beda jifforma riflessjonijiet fuq il-maskulinità u l-paternità.[25]

Fid-distinzjoni li l-awtur jislet bejn id-djarju u t-*test ieħor* tista' tinqara l-enfasi favur it-testwalità li tidher li tikkostitwixxi l-figura ta' missieru. Ir-

22 Id-diskors li l-missier jgħid lil ibnu jingħata fil-korsiv, u jippreċedi hu wkoll kronoloġikament fit-test l-okkorrenza li jissenjala Gatt.
23 Ara Thiher, pp. 158-159.
24 Derrida (2006), p. 63.
25 Mifsud, p.9.

referenza għall-moviment lit-test jagħmel, jiġifieri 'li beda tiela' bil-mod il-mod minn dawk il-paġni', tissuġġerixxi metamorfożi ladarba timplika li l-azzjoni li ma tistax issir minnu qiegħda possibbilment issir minn figura li bdiet tifforma. Is-separazzjoni ta' din l-entità mid-djarju donnha taqbad għalhekk il-possibbiltà tat-tnissil tal-ispettru Derridean li fil-komunikazzjoni li Mifsud jiftaħ miegħu jibdew jitqanqlu l-memorji u r-riflessjonijiet li eventwalment jiffurmaw *Fl-Isem tal-Missier*. Min-naħa tagħha, it-testwalità li minnha jidher li jitnissel l-ispettru ppermettiet li r-rappreżentazzjoni tal-figura titneżża' mill-preżenza li l-mitkellem jiggarantilha. L-impatt imħolli mit-testwalità tal-figura tal-missier irid jinftiehem fid-dawl tal-orjentazzjoni dekostruzzjonista favur il-miktub u mhux il-mitkellem, li hi l-maqlub ta' dak li jagħmel il-logoċentriżmu sabiex jasserixxi l-preżenza. Christopher Norris jispjega sehem il-miktub fil-proċess ta' dekostruzzjoni tal-preżenza hekk: 'Writing is the endless displacement of meaning which both governs language and places it for ever beyond the reach of a stable, self-authenticating knowledge'.[26] Il-passaġġ mill-mitkellem għall-miktub joħloq għal Mifsud il-ħelsien mixtieq. Iċ-ċaqliq bla lġiem li jiġġenera l-miktub jippermettilu jittrasforma ċ-ċans mitluf f'li jgħid lil missieru 'dak li qatt m'għedtlek' f'vantaġġ għalih.[27] Dak li ma qallux meta kien għad hemm il-preżenza simultanja tat-tnejn, issa li l-missier hu nieqes jista' jinkiteb u l-awtur jista' b'hekk jikseb dak li qabel forsi ma kienx possibbli li jinkiseb. Dan kollu għax it-testwalizzazzjoni tippermettilu li jilgħab, kif nittama li nuri, bil-possibbiltajiet offruti miċ-ċaqliq kontinwu ta' dak li qabel forsi seta' deher stabbli u impossibbli li jinbidel.

## Ir-rikunċettwalizzazzjoni tal-maskulinità u tal-paternità

Ir-relevanza tal-bixra spettrali li tingħata lill-figura tal-missier tista' tinftiehem aħjar permezz tal-impatt li tħalli jew tippermetti li jiġġarrab fit-tlaqqigħ mal-awtur. Mifsud stess jagħti indikazzjoni ta' dan fil-parti tat-test li jien indikajtha bħala kruċjali għall-mod kif jista' jinqara t-test. Fil-"Kelmtejn qabel", eżattament wara li ssir referenza għat-test l-ieħor li jibda tiela' mid-djarju, Mifsud jagħmel dikjarazzjoni importanti fl-implikazzjonijiet li tissuġġerixxi. B'referenza għat-test li jien identifikajt mal-bixra spettrali Derrideana tal-figura tal-missier, l-awtur jisħaq li 'x-xbihat jużaw lingwaġġ differenti ħafna minn dak li jien familjari miegħu'.[28] Permezz ta' din id-dikjarazzjoni tibda titnissel l-idea tal-potenzjal ta' radikalizzazzjoni li t-tlaqqigħ mal-ispettru jibda jippermetti. Ir-referenza għal-'lingwaġġ differenti ħafna minn dak li jien familjari miegħu', bl-enfasi fuq il-*ħafna*, tevoka l-possibbiltà tal-assoċjazzjoni tax-xbihat mal-bidla radikali mħollija fuq min jassimilahom kif jidher li qiegħed jagħmel Mifsud. Derrida stess jikkonferma dan l-eżitu fit-tlaqqigħ mal-ispettru: 'The living appropriation of the spirit, the assimilation of a new language is already an inheritance. And the appropriation of another

26 *Deconstruction: Theory and Practice* (London: Routledge, 1998), p. 29.
27 Mifsud, p. 76.
28 Ibid., p. 9.

language here figures the revolution'.[29] Fil-każ ta' Mifsud, ir-rivoluzzjoni li jirreferi għaliha Derrida tippermettilu jikkunsidra mill-ġdid il-kunċetti tal-maskulinità u l-paternità li fis-silta li kkwotajt diġà hu jistqarr li l-qari tat-test l-ieħor beda jifforma. It-tentattiv ta' rikunċettwalizzazzjoni tagħhom kien jitlob il-kontestazzjoni tal-oppożizzjoni binarja fil-każ tal-ewwel, u tal-linearità fil-każ tat-tieni. Marbutin flimkien, it-tnejn jiddeterminaw il-kors li jieħu t-tfassil mill-ġdid tal-konfini li jsawru l-jien tal-awtur.

L-applikazzjoni parzjali tal-mudell binarju minn Mifsud tinħass fid-duwaliżmu li jitnissel bejnu u bejn missieru. Ir-relazzjoni bejniethom tinftiehem bħala kunflitt bejn żewġ poli opposti anki jekk ir-reazzjonijiet imqanqla jitbandlu minn estrem għal ieħor, mir-rifjut li l-iben jitqabad fuq naħa għall-konfrontazzjoni totali min-naħa l-oħra. F'"L-Ewwel darba li rajtek tibki' l-maskulinità tibda tinħass qiegħda ssir il-fattur li fuqu t-tnejn ma jaqblux u jibdew għalhekk jitbiegħdu minn xulxin. Il-missier, sa minn kemm jiftakar l-awtur, kien iwiddbu li l-biki ma għandux jifforma parti fit-tiswir ta' rġulitu, għax 'ma tistax issir raġel jekk tibki'.[30] L-insistenza persistenti tikkawża eventwalment il-konvinzjoni fl-awtur li hu biss kien jibki, u li għalhekk jagħmel dak li ma kienx mistenni minnu li jagħmel bħala tifel. Is-sens ta' biża' mnissel minn dan l-għarfien iwassal gradwalment biex hu jibda jistaqsi lilu nnifsu kif għandu jirreaġixxi għal dak ippreżentat lilu bħala stat ta' fatt. Il-pressjoni fuqu kienet tittormentah għax kien isib ruħu f'pożizzjoni fejn jeħtieġlu jiddeċiedi jaċċettax dak li hu naturali għalih jew le. Mifsud jinħass maqbud jipprova jsib tarf ta' dispożizzjonijiet kuntrarji għal xulxin ġewwa fih. Jaċċettax l-impożizzjoni tagħha jew jirribellax kontriha, il-kelma tal-missier tibqa' l-punt fiss ta' riferiment li jqanqal l-oppożizzjoni binarja, u għaldaqstant l-awtur jibqa' magħluq fi ħdan dan il-qafas ta' ħsieb. L-għeluq komprometttenti jinħass pereżempju fit-tentattiv li jagħraf f'missieru xi sinjal ta' femminilità li lilu kien jattakkah biha, mossa li tikkonstata d-duwaliżmu bejn iż-żewġ poli opposti. Iċ-ċaħda tal-missier twassal eventwalment għad-diżubbidjenza għall-amar tiegħu, u tilħaq il-qofol tagħha fl-istqarrija li 'l-ewwel ma ttradejt – lilek'.[31] L-ammissjoni tiegħu li 'dejjem ngħasses fuqek', bl-enfasi fuq id-*dejjem*, tikkonferma t-tensjoni mġarrba mill-awtur.[32] Biex jara 'l missieru b'mod differenti Mifsud ħtieġlu jieqaf jibqa' jaħseb f'termini ta' oppożizzjoni binarja.

Il-bidla radikali fil-mod kif jikkonċepixxi r-relazzjoni, kif jissuġġerixxi Derrida, tinkiseb bit-tlaqqigħ mal-ispettru:

> Konna qisna David u Gulia. Jew Abram u Iżakk. U mbagħad darba bħal infetħu s-smewwiet fuqi u smajt dal-leħen iriegħed jgħid li fija jsib il-għaxqa tiegħu. U jien ħarist 'il fuq u ridt nibki, għax il-biki, kif taf int, huwa l-ġest l-aktar sublimi tar-Raġel. Hekk għallimtni meta qbadtek tibki fis-skiet tal-Addolorata.[33]

29 Derrida (2006), p. 137.
30 Mifsud, p. 12.
31 Ibid., p. 24.
32 Ibid., p. 11.
33 Ibid., pp. 50-51.

L-effett spettrali li jiddisturba l-fruntieri u jikkontamina d-distinzjonijiet fis-silta kkwotata jinħass fir-rikonsiderazzjoni tal-ġest tal-biki. Minn sinjal li jifred il-maskulinità mill-femminilità, il-biki jittrasforma ruħu fil-karatteristika l-*aktar sublimi* tar-raġel. Fin-negozjazzjoni ta' bixra dekostruzzjonista ta' x'għandu jibda jiġi inkluż fit-tiswir tal-jien kollox jiġi sospiż u lest biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid, ladarba għal Derrida 'a radicalization is always indebted to the very thing it radicalizes'.[34] Kif tixhed it-trasformazzjoni mġarrba mill-ġest tal-biki, id-distinzjoni bejn il-maskulinità u l-femminilità titlef is-saħħa tagħha kollha. Minflok, iż-żewġ poli mitqiesa preċedentement b'opposti jibdew issa jinftiehmu li jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin. Dan isir possibbli għax it-tifsiriet tagħhom jidħlu f'xulxin b'tali mod li tixxejjen l-essenza li tifridhom. Il-ħelsien miksub jiftaħ l-ispazju għall-konsiderazzjoni tal-inklużjoni ta' dak li inizjalment seta' deher li għandu jiġi eskluż. Huwa l-effett tal-ispettru li jippermetti dan, ladarba 'as soon as there is some spectre, hospitality and exclusion go together'.[35] Derrida jisħaq fuq iż-żarmar tal-oppożizzjonijiet binarji permezz tat-tixjin tal-fruntieri li jifirduhom billi jirreferi għall-assimilazzjoni tal-qadim mill-ġdid: 'the more the new erupts in the revolutionary crisis, the more the period is in crisis, the more it is "out of joint", then the more one has to convoke the old, *borrow* from it'.[36] Fil-każ ta' Mifsud, ir-radikalizzazzjoni taffettwa r-relazzjoni ma' missieru, li minn waħda ta' konfrontazzjoni tinbidel f'waħda fejn wieħed jgħallem lill-ieħor kif isostni l-awtur fis-silta kkwotata. Il-bidla fir-relazzjoni tiftaħ it-triq għal skambju pożittiv li l-mudell binarju ma kienx jippermetti. Għall-mistoqsija 'x'inhuma l-versi li tixtieqni naqra fis-skiet li ilu ħafna li invadiena', il-missier iwieġeb f'forma paradossali iżda li tikkumplimenta l-iżblokk fir-relazzjoni.[37] L-awtur jingħata żewġ lezzjonijiet li l-missier jitolbu jżomm f'moħħu tul ħajtu kollha. L-ewwel lezzjoni tasserixxi l-paternità anki jekk fl-istess nifs jistqarrlu li 'jien għamiltek bla ma ridtek'.[38] Ix-xeħta negattiva ssuġġerita mill-aħħar parti tal-kwotazzjoni tiġi bbilanċjata fit-tieni lezzjoni bl-istqarrija tal-missier li lest imut għal ibnu, u jqerr miegħu li 'llum inħares lejk u fik nara l-għaxqa tiegħi'.[39] Il-paradoss għalhekk isir is-sors tal-verità li jikkonsolida r-relazzjoni tal-awtur ma' missieru: 'Tgħid bħalek se nibda nisħaq taħt għarqubi l-fjur ifuħ waqt li ngħid li nħobb il-ward ta' Mejju?'.[40]

It-toqol ta' dak kollu li jimplika l-isem tal-missier fuq l-awtur ikompli jitqal hekk kif fit-test tifforma ruħha r-relazzjoni trijangolari missier-awtur-iben. Hija relazzjoni li tiġbed fl-istess nifs lejn il-passat u lejn il-futur tal-awtur, bil-paternità ssir il-qofol tat-tensjoni li tiġġenera. Il-komunikazzjoni fit-test bejn l-awtur u ibnu tiftaħ b'sensiela ta' mistoqsijiet li jippontaw lejn is-sors għat-tensjoni ta' bejniethom, fosthom il-mistoqsija 'Liema xbieha bikrija baqgħet stampata?'[41] Fiż-żmien

34 Derrida (2006), p. 116.
35 Ibid., p. 176.
36 Ibid., p. 136.
37 Mifsud, p. 51.
38 Ibid.
39 Ibid.
40 Ibid.
41 Ibid., p. 57.

bikri li jirreferi għalih l-awtur jibda jiġġarrab il-kumpless ta' Edipu. It-tensjoni li ssegwi titqanqal għax l-iben iħoss li l-missier jisraqlu lil ommu, u r-relazzjoni tinbidel f'kunflitt li ma jafx tmiem: 'Jien u nissara miegħek biex neħodlok il-mara waħħalt quddiem għajnejja x-xbieha tiegħek ħalli nikkonċentra sew fuq min hu l-għadu, min hu r-rivali ta' dil-battalja li ħsibtha li ma kienet se tispiċċa qatt'.[42] Is-sitwazzjoni tinqaleb ta' taħt fuq hekk kif jinbidlu l-irwoli u dak li kien jaqdi l-funzjoni tal-iben issa jibda jaqdi l-funzjoni tal-missier. B'hekk, Mifsud jgħaddi minn pazjent li jirċievi l-azzjoni għal aġent li jikkawżaha. It-tensjoni u r-rabja li l-awtur kien iħoss fil-konfront ta' missieru issa ibnu jibda jġarrabhom fil-konfront tiegħu stess. Il-kunflitt maħluq mill-obbligi tal-paternità jħalli impatt devastanti fuq l-awtur, tant li jħossu li għeja jiġġieled din it-taqbida: 'għajejt nagħmilha ta' dak li jista' kollox'.[43] Jibda għalhekk iħoss il-ħtieġa li jevita t-toqol billi jirrinunzja l-paternità, fl-istess waqt li jistieden lil ibnu jkompli jsegwi l-linja li qabad. Issegwi dan il-mument interruzzjoni ssenjalata grafikament, li waqtha l-awtur jirreġistra bidla radikali li taffettwa l-linearità ġenerazzjonali u s-sens ta' paternità li timplika. Għal darba oħra, l-ispettralità Derrideana hi determinanti biex tinftiehem l-istrateġija mħaddma mill-awtur.

Il-mossa kruċjali li fuqha tibbaża d-dekostruzzjoni tal-linearità missier–iben hija t-taħlil tad-dimensjoni temporali kif mifhuma tradizzjonalment. Ispirat minn Hamlet ta' William Shakespeare, li fih fil-mument ta' kriżi ż-żmien jiżloga ruħu ('the time is out of joint'), Derrida wkoll b'mument spettrali jifhem 'a moment that no longer belongs to time, if one understands by this word the linking of modalized presents (past present, actual present: "now", future present)'.[44] B'kumment fuq il-ktieb tiegħu li fih jiżviluppa l-ispettralità, il-ħassieb Franċiż iżid li 'expressly identifying itself as a book on inheritance, *Spectres of Marx* also analyses, questions and [...] "deconstructs" the law of filiation, particularly patrimonial filiation, the law of the father-son lineage'.[45] Fil-kuntest ta' dan tinftiehem l-istrateġija li jħaddem Mifsud li jħassar id-distinzjoni temporali li tifred lit-tliet figuri fit-trijangolu familjari u magħha jħassar ukoll il-linja ġerarkika li tgħaqqadhom. Imnebbaħ mill-mudell li tipproponi Susan Bordo li hi kkwotata li tistqarr fil-konfront ta' missierha moribond li 'gawdejt id-dehra tiegħu daqslikieku kien ibni ċkejken', Mifsud ukoll f'ċirkustanzi simili jindirizza lil missieru bħala 'qisek tarbija'.[46] F'dan il-kwadru kunċettwali l-figuri tal-missier u l-iben jitilfu l-individwalità tagħhom u jassorbu lil xulxin b'tali mod li l-identità tal-wieħed tinbidel ma' tal-ieħor. Fi kliem ieħor, il-missier isir l-iben u l-iben isir il-missier. Dan iseħħ għax il-passat, il-preżent u l-futur donnhom ma jibqgħux kategoriji li jiddistingwu waqt minn ieħor. Minflok isiru ħaġa waħda, bir-riżultat li kull terminu jispiċċa jalludi għat-tliet figuri fit-trijangolu. B'konsegwenza tal-iżlogar temporali għalhekk, il-linearità bejnu u bejn missieru u bejnu u bejn ibnu tibda tiżżarma.

42 Ibid., p. 50.
43 Ibid., p. 72.
44 Derrida (2006), p. xix.
45 'Marx & Sons' minn *Ghostly Demarcations: A Symposium on Jacques Derrida's 'Specters of Marx'* (London: Verso, 2008), pp. 213-269, p. 231.
46 Mifsud, pp. 39, 73.

Il-bidla radikali hi mħeffa mill-ekonomija fil-mod kif titħaddem il-funzjoni referenzjali. F'dan is-sens tilgħab parti importanti wkoll l-intertestwalità. Apparti li tikkonsolida l-bixra testwali tal-missier, tillimita s-solidità tal-preżenza billi r-referenzjalità ma tintrabatx ma' suġġett fiss, bħal meta jirreferi għal missieru bħala Humphrey Bogart. Din l-istrateġija twitti t-triq għall-bidla fil-kostituzzjoni tat-termini missier/iben, billi jinħoloq l-ispazju fejn l-awtur ikun jista' jilgħab b'tifsirithom. Mifsud jibda b'hekk jistrieħ mit-toqol li s-sens ta' paternità għabba fuqu fir-relazzjoni ma' missieru u ma' ibnu. Dan is-sens ta' serħan fil-konfront taż-żewġ partijiet jinħass sew fis-silta lejn l-aħħar tat-test li tisfrutta l-elużività referenzjali li aċċennajt għaliha. Is-silta kkaratterizzata minn ton sielem miksub mat-tixjin tas-subordinazzjoni li l-ġerarkija missier-iben iġġib magħha hi indirizzata lil missieru daqskemm lil ibnu:

> Issa int kompli ħares lejn il-baħar, waqt li jien inserraħ l-ispina li qiegħda tgħawwiġni. [...] Malli tasal fit-tarf l-ieħor, ieqaf, sorġi u strieħ. Sa ma tasal hemm tkun laħqet telgħet xemx ġdida. [...] Oqgħod bilqiegħda u agħlaq għajnejk u jekk joħroġlok id-dmugħ ħalli r-riħ jixxottahulek, u jekk tisma' l-mużika, kanta magħha.[47]

Jekk qabel ma mar jara lil missieru qiegħed imut Mifsud seta' deher indeċiż meta staqsa lilu nnifsu għandux jipprepara ruħu 'biex ngħidlek dak li qatt m'għedtlek?', permezz tal-istrateġiji ta' bixra dekostruzzjonista l-possibbiltà ssir realtà.[48] Finalment għalhekk, l-awtur jista' jgħid b'moħħu mistrieħ li 'nista' nieħu nifs qawwi u nitfi'.[49]

47 Ibid., p. 79.
48 Ibid., p. 76.
49 Ibid., p. 80.